MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**RAYMOND C. PACE**

Seduta tat-3 ta' Novembru, 2004

Citazzjoni Numru. 246/2002/1

**Raymond Camilleri**

**vs**

**Lorenza Camilleri f'isimha proprju u bhala kuratrici *ad litem* tat-tfal minuri Tony Ray u Johnny Ray.**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ic-citazzjoni attrici datata 1 ta' Marzu 2002 a fol. 1 tal-process fejn gie premess:-

Illi bis-sahha ta' kuntratt pubbliku fl-atti tan-Nutar, Nicholas Vella, datat 30 ta' Settembru 1999, il-kontendenti, Raymond u Lorenza, konjugi Camilleri, kienu rregolaw legalment is-separazzjoni personali ta' bejniethom (Dok. "A");

Illi fl-imsemmi kuntratt ta’ separazzjoni, precizament fi klawsola numru sebgha (7) inghad illi l-attur qieghed jobbliga ruhu illi jivversa lill-mara, s-somma ta’ mitejn lira Maltija (Lm 200) fix-xahar, kemm ghaliha, kif ukoll ghal uliedu, Tony Ray u Johnny Ray;

Illi dak iz-zmien meta gie ffirmat il-kuntratt, l-attur kellu ntrojtu fiss ta’ *circa* tlett mija u tmienja u sittin lira Maltin (Lm 368) (Dok. “B”);

Illi fit-18 ta’ Mejju 2001, l-attur irrezenja mill-Korp tal-Pulizija minhabba ragunijiet mhux imputabbli lilu u llum il-gurnata l-attur m’ghadx ghandu ntrojtu li kellu dak iz-zmien u prezentement qieghed jippercepixxi l-ammont ta’ mitejn u zewg liri Maltin (Lm 202) fix-xahar (Dok. “C”);

Illi ghalhekk, ic-cirkostanzi ta’ l-attur tbiddlu radikalment u b’hekk huwa jinsab fl-impossibbilta` li jkompli jhallas l-ammont imsemmi fil-ftehim milhuq tat-30 ta’ Settembru 1999, kif ser jigi ppruvat ahjar waqt it-trattazzjoni tal-kawza;

Illi ghalhekk, hemm lok li l-imsemmi manteniment ta’ mitejn lira Maltin (Lm 200) fix-xahar stipulat fil-kuntratt fuq imsemmi, jigi rivedut billi jigi ridott skond il-qligh ta’ l-attur fil-prezent;

Illi saru diversi tentattivi mal-konvenuta, martu, sabiex jigi varjat il-kuntratt ta’ separazzjoni ghal fejn jirrigwarda l-ammont ta’ manteniment pagabbli minnu lil martu u liz-zewgt itfal, skond il-paga odjerna ta’ l-attur liema tentattivi ma kellhom ebda ezitu pozittiv.

Illi ghalhekk, l-istess attur talab lil din l-Qorti sabiex:-

1. Tiddikjara illi c-cirkostanzi fil-mezzi finanzjarji ta’ l-attur tbiddlu; u

2. Tiddikjara illi l-attur ma hu tenut ihallas ebda alimenti ghall-perjodu kemm dam dizokkupat; u

3. Tirrevedi l-ammont ta’ manteniment pagabbli fix-xahar mill-attur, favur il-konvenuti martu u zewgt itfal minuri dekoribbli mid-data ta’ l-ingagg fl-impjieg il-gdid tieghu u dan f’ammont inferjuri ghal dik stipulata fil-kuntratt ta’ separazzjoni.
Bl-ispejjez kontra l-konvenuti li huma minn issa ngunti ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni attrici a fol. 3 *et seq.* tal-process;

Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet tal-konvenuta datata 22 ta’ April 2002 a fol. 19 tal-process fejn eccepit:-

(1) Illi din il-kawza hija ntrinsikament konnessa mal-kawza citazzjoni numru 81/02/RCP u ghalhekk ikun opportun li din il-Qorti tordna l-konnessjoni tal-kawzi.

(2) Illi kif ghandu jirrizulta fit-trattazzjoni ta’ dawn iz-zewg kawzi, c-cirkostanzi generali bejn il-kontendenti tbiddlu fis-sens, li mid-data tal-kuntratt tas-separazzjoni msemmi mill-attur ‘l hawn, il-konvenuta twelditilha tarbija ohra mill-istess attur, u ghalhekk il-manteniment ghandu joghla u mhux jonqos.

(3) Illi fit-tieni u t-tielet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra l-attur *stante* li anke kieku huwa minnu li c-cirkostanzi finanzjarji ta’ l-attur tbiddlu, dan sehh ghal ragunijiet imputabbli lill-attur innifsu, u n-nuqqas tieghu m’ghandhomx ibatuh martu, l-konvenuta, u uliedhom il-konvenuti wkoll.

(4) Illi l-attur kellu l-ewwel jesplora l-possibilita’ li jigi jerga’ ngaggat mal-Korp qabel ma rrasenja ruhhu u talab li jitnaqqaslu l-ammont ta’ manteniment li kellu jivversa favur martu u uliedu.

Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat id-dikjarazzjoni taghha a fol. 20 tal-process;

Rat il-lista ta’ xhieda a fol. 20 tal-process;

Rat id-dokumenti fejn l-istess konvenuta fil-kwalita' taghha premessa, giet ammessa ghall-beneficcju ta' l-ghajnuna legali.

Rat il-verbal tas-seduta tal-15 ta' Mejju 2002 fejn il-Qorti, wara li rat l-ewwel eccezzjoni tal-konvenuta ordnat il-konnessjoni tal-kawza Nru 81/02M1 Nru 27 fuq il-lista ma' din il-kawza, u li l-provi jingabru f'kawza jghoddu u jitqiesu bhala provi fil-kawza l-ohra u vice-versa. Il-Qorti nnominat lill-Assistent Gudizzjarju, Dr Kenneth Gulia biex jisma' l-provi tal-partijiet u tat digriet ta' l-affidavits tal-partijiet.

Rat is-seduti mizmuma mill-Assistent Gudizzjarju, nkluzi dawk datati 8 ta' Lulju 2002 fejn xehed Anthony Camilleri missier l-attur, Johan Camilleri hu l-attur, dik tat-18 ta' Settembru 2002 fejn xehed Adrian Attard mid-Dipartiment tas-Servizzi Socjali u l-istess Johan Camilleri; tas-seduta tal-11 ta' Novembru 2002 fejn ma' sar xejn; tat-28 ta' Novembru 2002 fejn xehed l-Ispettur Geoffrey Azzopardi; 24 ta' Jannar 2003 fejn xehed l-attur in kontro-ezami; tas-seduta tal-25 ta' Frar 2003 u 20 ta' Marzu 2003 fejn ma sar xejn.

Rat il-verbal tas-seduta tad-29 ta' Ottubru 2002 fejn gew ordnati li jsiru zewg seduti ghall-konkluzjoni tal-provi tal-partijiet sa Novembru 2002.

Rat il-verbal tas-seduta tat-28 ta' April 2003 fejn fost affarijiet ohra ndikati jirrizulta li l-Qorti osservat li d-digriet taghha tad-29 ta' Ottubru 2002 ma giex osservat u ordnat li jinzammu s-seduti li hemm bzonn sabiex jinghalqu l-provi ta' l-attur sa' l-ahhar ta' Mejju 2003 u nghata terminu ghall-affidavits tal-konvenuta u seduti ghall-istess skop u l-kawza giet differita ghall-finali trattazzjoni ghall-14 ta' Ottubru 2003.

Rat l-affidavit ta' l-attur pprezentat fit-2 ta' Mejju 2003;

Rat ir-rikors datat 26 ta' Gunju 2002 pprezentat mill-attur li gie michud b'digriet datat 10 ta' Ottubru 2003;

Rat in-nota ta’ Graziella Castillo, *social worker,* fi hdan it-Taqsima ghall-Harsien tat-Tfal ta’ l-Agenzija Appogg dwar il-minuri li dwar dan kien hemm pendenzi ohra quddiem din il-Qorti llum konkluzi bejn il-partijiet;

Rat ir-rikors ta’ l-attur datat 3 ta’ Ottubru 2002 li gie michud b’digriet ta’ l-10 ta’ Otubru 2003;

Rat il-verbal tas-seduti ta’ l-14 ta’ Ottubru 2003, fejn il-Qorti giet infurmata li l-partijiet ghalqu l-provi taghhom; u tal-11 ta’ Novembru 2003 fejn Dr Vincent Galea, ghall-attur, talab li jaghmel nota. Il-Qorti laqghet it-talba u pprefeggiet terminu ta’ erbghin (40) gurnata lill-attur biex jipprezenta n-nota ta’ osservazzjonijiet bil-visto/notifika lid-difensur tal-kontroparti li jkollu erbghin (40) gurnata biex jirrispondu, mid-data tan-nota ta’ l-osservazzjonijiet, b’dan li jekk in-nota attrici ma tigix ipprezentata fit-terminu ndikat, it-terminu ghan-nota tal-konvenuta jibda jghaddi mill-gheluq tat-terminu moghti lill-attur. Il-kawza giet differita ghall-5 ta’ Ottubru 2004 ghas-sentenza.

Rat l-atti kollha tal-kawza fl-ismijiet **“Lorenza Camilleri vs Raymond Camilleri”** Citazzjoni Numru 81/2001, pendenti ghas-sentenza ghall-lum stess, liema citazzjoni giet prezentata fil-25 ta’ Jannar 2002 u l-affidavit ta’ l-attrici datat 19 ta’ Lulju 2002, ix-xhieda ta’ l-attur datata 3 ta’ April 2003; ta’ Lorenza Camilleri in kontro-ezami, datat 3 ta’ Mejju 2003; Saviour Theuma rapprezentant inkarigat mis-sezzjoni tac-*childrens’ allowance* li xehed fis-6 ta’ Gunju 2003 u Carmel Azzopardi mid-Dipartiment tas-Servizzi Socjali; tas-seduta tas-7 ta’ Lulju 2003 fejn xehed l-Ispettur Kenneth Haber u Joe Mallia li qal li l-istess attur spicca mix-xoghol mit-13 ta’ Jannar 2003, u fl-ahharnett, Carmel Azzopardi.

Rat ir-rikors ta’ l-attur datat 26 ta’ Awissu 2004 fejn talab lill-Qorti sabiex tawtorizzah jipprezenta nota ta’ sottomissjonijiet;

Rat id-digriet tal-31 ta’ Awissu 2004 fejn il-Qorti laqghet it-talba u tat il-fakolta` lill-kontro-parti sabiex tipprezenta risposta fi zmien xahar;

Rat is-sottomissjonijiet ta’ l-attur;

Rat ir-rikors ipprezentat mill-attur tas-7 ta’ Settembru 2004 fejn talab is-sospensjoni tal-prolazzjoni tas-sentenza;

Rat id-digriet tad-9 ta’ Settembru 2004 fejn il-Qorti kif diversament presjeduta rrizervat li tipprovdi fl-udjenza tal-kawza;

Rat in-nota ta’ sottomissjonijiet tal-konvenuta datata 19 ta’ Ottubru 2004;

Rat ir-rikors ta’ l-attur datat 7 ta’ Settembru 2004 fejn talab lill-Qorti sabiex tissospendi l-prolazzjoni tas-sentenza u tawtorizzah iressaq provi *stante* li se jghaddi *boarded out;*

Rat id-digriet tad-9 ta’ Settembru 2004 fejn il-Qorti rrizervat li tipprovdi *seduta stante;*

Rat id-digriet tat-3 ta’ Novembru 2004 fejn il-Qorti cahdet it-talba ta’ l-attur fir-rikors tieghu tas-7 ta’ Settembru 2004;
Rat id-dokumenti esebiti;

Rat l-atti l-ohra tal-kawza.

## <u>II. KONSIDERAZZJONIJIET.</u>

### <u>(a) Il-Vertenza Odjerna.</u>

Illi l-partijiet kienu dahlu f’kuntratt ta’ separazzjoni bonarja bl-awtorizzazzjoni tas-Sekond’Awla tal-Qorti Civili ppresjeduta mill-Onorevoli Imhallef Joseph David Camilleri permezz ta’ kuntratt datat 30 ta’ Settembru 1999 fl-atti tan-Nutar, Nicholas Vella u esebit fl-atti processwali bhala Dok. “A” a fol. 6 sa 10 tal-process;

Illi minn dan il-kuntratt klawsola seba’ (7) tipprovdi s-segwenti:

*"Ir-ragel qed jobbliga ruhu illi jivversa lill-mara s-somma ta' mitejn lira Maltin (Lm 200) fix-xahar. Din is-somma tikkomprendi:-*

*(a) l-ammont ta' hamsin lira maltin (Lm 50) fix-xahar ghall-kera tad-dar konjugali, liema somma ta' hamsin lira Maltin (Lm 50) tibqa' tithallas mir-ragel lill-mara anke jekk hija tmur tabita f'dar ohra b'titolu ta' kera, u f'kull kaz dan l-ammont pagabbli mir-ragel m'ghandux jeccedi s-somma ta' hamsin lira Maltin (Lm 50) fix-xahar; u*
*(b) l-ammont ta' mija u hamsin lira Maltin (Lm 150) fix-xahar bhala manteniment ghall-mara u ghat-tfal, u cjoe` tletin lira Maltin (Lm 30) fix-xahar bhala manteniment a favur tal-mara u mija u ghoxrin lira Maltin (Lm 120) fix-xahar bhala manteniment a favur taz-zewg ulied.*

*Meta t-tfal jaghlqu l-eta' ta' sittax il-sena, il-manteniment pagabbli a favur tal-mara ta' tletin lira Maltin (Lm 30) fix-xahar ghandu jawmenta ghas-somma ta' mitt lira Maltin (Lm 100) fix-xahar.*

*Il-manteniment dovut, kemm lill-mara kif ukoll lit-tfal jizdied kull sena b'nofs iz-zieda li tinghata mill-Gvern bhala kumpens ghall-gholi tal-hajja.*

*Kwalsiasi "children's allowance" u beneficcju socjali iehor simili ghandu jigi percepit mill-mara."*

Illi permezz ta' l-azzjoni odjerna, l-attur qed jitlob li jigi varjat il-kuntratt ta' separazzjoni bejn il-partijiet fis-sens li ghandu jitnaqqas il-manteniment hemm pattwit, kemm ghall-attrici u kemm ghall-minuri wliedu, kif ukoll li huwa mhux tenut ihallas ebda alimenti ghal kemm dam dizokkupat. Infatti huwa qed jitlob din il-varjazzjoni minhabba li qed isostni li c-cirkostanzi tieghu tbiddlu radikalment u kwindi huwa fl-impossibilita' li jkompli jhallas l-ammont miftiehem.

Illi l-konvenuta, minn naha taghha eccepiet li mhux talli l-manteniment m'ghandux jonqos imma talli ghandu jizdied. Dan ghaliex ic-cirkostanzi bejn il-kontendenti tbiddlu fis-sens li mid-data tal-kuntratt imsemmi twilditilhom tarbija

ohra. Infatti hija pprezentat citazzjoni f'dan is-sens li ggib in-Numru 81/02/RCP li minhabba l-konnessjoni taghha mal-kawza odjerna, gie ordnat li l-provi f'din il-kawza jghoddu u jitqiesu bhala provi fil-kawza l-ohra u *vice versa*.

## (c) <u>Provi Prodotti.</u>

Illi **Raymond Camilleri,** fl-affidavit tieghu xehed li huwa kien jahdem bhala kuntistabbli fil-Korp tal-Pulizija u sakemm dam jahdem dejjem hallas il-manteniment. Huwa sostna li kellu jieqaf mix-xoghol minhabba ncident li holqot il-konvenuta. Allegatament hija ghamlet rapport falz mal-Pulizija, huwa beda` jigi nvestigat u l-investigaturi tal-kaz issuggerewlu biex jirrizenja. Meta tlestew l-investigazzjonijiet irrizulta li ma kienx hemm bazi fuq x'hiex imexxu kontrih. Huwa kompla li kien diga' ghaddej fuq trattament u medikazzjoni ghall-obesita' u dipressjoni li komplew jizviluppaw wara s-separazzjoni u gabuh fl-istadju ta' mija u disgha u tmenin (189) kilo li lanqas kien jiflah joqghod fit-tul bil-wieqfa u lanqas jimxi fit-tul. Infatti huwa dam hafna bis-*sick leave* fil-Pulizija, mit-22 ta' Lulju 2000 sat-18 ta' Mejju 2001, sakemm spicca mill-Korp awtomatikament ghax skada z-zmien li fih seta' jigi *reinstated*. F'dan iz-zmien ma setax jaghtiha l-manteniment.

Illi meta l-kundizzjoni tad-dipressjoni marret ghall-ahjar huwa beda jahdem fl-20 ta' Lulju 2001 fil-hanut ta' missieru li huwa mmexxi minn huh, Johann. Il-paga ma kenitx tajba bizzejjed biex jibqa' jhallas l-istess ammont ta' manteniment. Il-*business* tal-hanut beda` jmur lura u allura l-paga tieghu ma setghetx tkun wahda gholja.

Illi kien ghalhekk li mitejn lira Maltin (Lm 200) beda` jaghti lil martu mitt lira Maltija (Lm 100) minflok mitejn lira Maltija (Lm 200) ghax huwa f'idejh kien qed jaqla' mitejn u zewg liri Maltin (Lm 202). Meta sar il-kuntratt huwa kellu paga ta' erbgha mija u sebghin lira Maltija (Lm470) fix-xahar.

Illi huwa talab l-ghajnuna ta' missieru u ghandu jaghtih sbatax-il elf, tmien mija u disghin lira Maltija (Lm 17,890) u

lil huh tlett elef, tmien mija u disghin lira Maltija (Lm 3,890), liema ammonti telghu mhux biss minhabba l-manteniment izda wkoll minhabba djun ohra li kellu jaghti lil diversi nies.

Illi huwa kompla billi sostna li saret ingustizzja fil-konfront tieghu meta sar il-kuntratt, kemm ghaz-zieda tal-klawsola li la t-tfal jghalqu s-sittax il-sena huwa jrid jaghtiha mitt lira Maltija (Lm 100) ghal ghomorha; kif ukoll, ghax fil-ftehim dwar il-manteniment tat-tfal kien hemm ukoll inkluz dak tat-tarbija li ma kienitx twieldet. Proprju minhabba ghax it-tifel, Michael, ma kienx ghadu twieled qalulhom li ma setax jitnizzel.

Illi *viva voce,* hu xehed li huwa kien kuntistabbli sa mill-1993 u meta sar il-kuntratt dak kien ix-xoghol tieghu. Huwa pprova jerga' japplika pero' t-Tabib li rah qallu li ried jonqos tmienja u sebghin (78) kilos li kien ziedhom minhabba *anxiety.* Huwa qal li ma jistax jonqos ghax isib zvog fl-ikel. Huwa jizen mitejn u sebgha (207) kilos. *Inoltre* jbati wkoll b'*asthma.* Wara li waqaf mill-Korp ipprova jahdem ma' missieru pero' minhabba l-*anxiety* ma setax ikompli bhala *taxi driver.*

Illi fis-sena u nofs li dam wieqaf huwa ma setax ifittex xoghol ghax kien qisu sospiz. L-impjieg tieghu mal-Pulizija gie tterminat fit-18 ta' Mejju 2001. Beda` jahdem fil-hanut ta' missieru immedjatament. Il-paga tieghu kienet se tkun mitejn u zewg liri Maltin (Lm202) netti. Id-differenzi fil-manteniment kien ihallashom missieru li qallu li se jinqataghlu mill-wirt.

Illi missieru pprova jsiblu post tax-xoghol iehor imma ma kienx tajjeb minhabba ragunijiet ta' sahha. Barra l-paga huwa ghandu beneficcji ohra cjoe` huwa juza' Peugeot 306 li hi karozza tal-kiri. *Inoltre* missieru jhallaslu d-dawl u l-ilma pero' dawn b'self. Il-post fejn joqghod xtrahulu missieru qabel iz-zwieg u hu ma jhallasx kirjiet ghalih. Huwa mhux qed jipprova jsib xoghol iehor.

Illi in kontro-ezami sostna li l-ftehim dwar il-manteniment tat-tfal kien jinkludi wkoll lit-tarbija li ma kenitx twieldet.

Bazikament irrepeta x'qal fl-affidavit tieghu. Meta mistoqsi ghalfejn lil martu taha manteniment ta' kont ghat-tifel, Michael, fl-20 ta' Lulju 2001, qal li r-raguni kienet ghax martu ma kenitx thallih jara lit-tifel jekk ma jaghtihiex flus.

Illi in subizzjoni sostna li hu kien taht pressjoni kbira biex jiffirma l-kuntratt. Meta mistoqsi, jekk f'dak iz-zmien kellux terza persuna f'hajtu rrisponda li huwa kellu *"a shoulder to cry on".*

Illi **Anthony Camilleri**, missier l-attur, xehed li wara li ibnu hareg mill-Korp huwa xtara negozju, Eaton Jewellers, biex johloqlu mpjieg minhabba d-dipressjoni li kellu. Dan huwa gestit minn ibnu l-iehor. Huwa kkonferma li l-firma fuq il-kuntratt tax-xoghol ta' ibnu hija tieghu u li Raymond jaqla' f'idejh mitejn u zewg liri Maltin u ghoxrin centezmu (Lm 202.20) kull xahar. Huma ma jistghux izidu dan l-ammont ghax il-*business* mhux sejjer tajjeb. Huwa qal li gieli silfu xi flus, *circa* xi tmenin lira fix-xahar ghal xi affarijiet ta' kuljum. Il-karozza li juza' Raymond hija tal-kumpanija *Swansea Enterprises*. Il-hamsin lira Maltija (Lm 50) kera fix-xahar tal-villa fejn toqghod il-konvenuta ma' uliedha mhux qed jippressha ghal dan l-ammont.

Illi in kontro-ezami qal li huwa ma jafx meta ibnu spicca l-Korp. Huwa dam hafna minn meta spicca bis-*sick leave* sakemm spicca attwalment. Ix-xhud qal li huwa jikri karozzi ta' *Swansea Enterprises*. Fil-prezent qeghdin zewg Diretturi, huwa u ibnu Johann u issa ghandhom *part-timer*. Fis-Sajf ikollhom bzonn *part-timers*. Huwa qal li ma setax ihaddem lil Raymond ma' Swansea Enterprises ghax ma jaqbilx mieghu.

Illi **Johann Camilleri,** hu Raymond Camilleri, ikkonferma dak li xehed missieru dwar il-hanut tad-deheb fejn jahdem huh. Huwa qal ukoll li m'offriex impjieg ma' *Swansea Enterprises* lil huh ghax dan ix-xoghol huwa ta' *stress*. Huh ma giex impjegat bhala *driver* ma' missieru kemm ghax m'ghandhomx bzonn *driver*; kemm ghax mhux addett ghal dan ix-xoghol minhabba l-istatura tieghu; kif ukoll ghax huh u missieru ma jmorrux tajjeb flimkien.

Illi xehdu wkoll **rapprezentanti tad-Direttur tas-Sigurta' Socjali** fl-atti taz-zewg kawzi fejn spjegaw dwar l-ghajnuna socjali li huma ntitolati ghaliha l-partijiet u x'kienu jippercepixxu f'xi zminijiet partikolari.

Illi **Lorenza Camilleri** xehdet li meta ffirmaw il-kuntratt ta' separazzjoni hija kienet tqila b'Michael u l-manteniment ghat-tfal ma kienx jikkrompendi lilu. Hija ma tafx x'inhu d-dhul ta' zewgha izda xehdet li huwa ghandu *standard of living* gholja. Huwa jsuq karozza Peugeot 205 li hu qalilha li qed jikri minghand missieru. Huwa ghandu zewg *mobiles*, *internet*, jghix ma' persuna ohra fl-istess appartament mieghu, xi darba s-sena l-ohra siefer ghax ghamel tlett gimghat ma jmurx jara lit-tfal. Minhabba li fejn joqghod zewgha hija proprjeta' tieghu m'ghandux kera.

Illi hija xehdet li bejn Lulju 2000 u Gunju 2001, Raymond ma taha ebda flus ghall-manteniment. Bejn l-20 ta' Lulju 2001 sa April 2002 huwa ddecieda minn jeddu li jaghtiha mitt lira Maltija (Lm100) fix-xahar minflok mitejn lira Maltija (Lm 200) skond il-kuntratt. Huwa kien qalilha li kien qed jaqsamhom tletin lira Maltija (Lm 30) ghal kull tifel u ghaxar liri Maltin (Lm 10) ghaliha. Hija b'hekk waqghet lura f'hafna kontijiet.

Illi in kontro-ezami, xehdet li fil-perjodi meta zewgha jew taha anqas manteniment milli suppost jew ma taha xejn, hija kienet tircievi l-ghajnuna socjali. Hija qablet li c-cirkostanzi ta' zewgha fuq ix-xoghol tbiddlu wara li hija ghamlet ir-rapport dwar l-arma. Hija ma kenitx taf li zewgha kien qed imur ghand Dr George Apap b'konsegwenza tal-problema matrimonjali. Dwar il-manteniment tat-tfal baqghet issostni li huma kienu ftehmu biss fuq zewg itfal biss. Rigward xi flus li jaghtiha missieru, qalet dan kien itiha meta zewgha ma kienx qed jaghtiha manteniment. Dan kien wara li twieldet it-tielet tarbija. Missieru wkoll sellifha karozza mnn jeddu. Illi pero' bhalissa l-manteniment qieghed jaghtihulha kif suppost. Hija cahdet li l-flus li taha ghal Michael kienu biex thallih jara lit-tifel.

Illi xehed ukoll l-**Ispettur Geoffrey Azzopardi** li kkonferma li Raymond Camilleri kien kuntistabbli stazzjonat l-ghassa tal-Mosta. Minhabba l-problemi matrimonjali tieghu ma kienx qed jaghmel xogholu sew. Martu kienet ghamlet rapport li ma kienx qed jara t-tfal barra d-dar u kien hemm pistola fuq is-*seat* tieghu. Saru l-investigazzjonijiet. Gew prodotti certifikati minghand Psikjatara u gie suggerit lilu li jirrizenja. Fil-bagoll tal-karozza ta' Raymond Camillleri kienet instabet *air pistol* li kienet bil-licenzja izda din ittiehditlu u tawha lil missieru. In kontro-ezami qal li ma hargux *charges* kontrih ghax trid tara r-ragunijiet wara l-affarijiet.

Illi l-**Ispettur Kenneth Haber** ta nformazzjoni dwar it-terminazzjoni ta' l-impjieg.

**(d) <u>Principji Legali.</u>**

Illi fis-sentenza **"Louis Cutajar vs Josette Farrugia gia' Cutajar"** (P.A. (RCP) 29 ta' April 2004 - Cit. Nru: 1438/95/RCP) intqal is-segwenti:

Illi rigward pattijiet f'kuntratt ta' separazzjoni u talbiet ghal tibdil fl-istess fil-kawza fl-ismijiet **"Emanuel Bugeja vs Mary Rose Bugeja et"** deciza min din il-Qorti, kif preseduta fl-4 ta' Lulju, 2002 inghad illi:-

"*Illi dan il-kuntratt sar abbazi ta' l-artikolu 59 tal-Kap 16, u din ghandha l-effetti taghha kif provduti fl-artikolu 35 tal-Kodici Civili, u bhala tali twaqqaf kull pendenza gudizzjarja dwar is-separazzjoni personali bejn il-partijiet u konjugi, b'dan li l-istess seperazzjoni hija regolata biss bl-istess kuntratt, hlief ghal dak provdut fl-artikolu 61 tal-Kap 16, fl-interess ta' l-istess minuri, fejn din il-Qorti tista' thassar kull ftehim bejn il-partijiet dwar l-istess ulied, dejjem fl-interess ta' l-istess minuri.*

*Illi allura ssegwi li ghal kull provvediment iehor, inkluz biex jithassar jew jigi varjat dak li hemm miftiehem bejn il-partijiet, wiehed irid jipprocedi taht id-dispozizzjonijiet relattivi dwar kuntratti in generali quddiem din il-Qorti, li ghandha kompetenza generali, hlief jekk provdut b'mod*

*iehor b'xi ligi, dwar kwistjonijiet kollha ta' natura civili u kummercjali".*

Illi fil-kawza fl-ismijiet **"Galea vs Galea"** deciza minn din il-Qorti, diversament presjeduta, fis-26 ta' Frar, 1956, li kienet titratta ghal talba ghall-awment ta' manteniment minn dak pattwit intqal illi "*l-promotur ta' l-alimenti stabbiliti bis-sahha ta' tranzazzjoni, hija ligi bejn il-partijiet li jistipulawha u ma tistax tithassar hlief bil-kunsens taghhom jew ghar-ragunijiet validi skond il-ligi ghal kawzi stabbiliti ghal impunjazzjoni tal-kuntratti, u li, ghalhekk, din it-tranzazzjoni li saret obbligu kuntrattwali ma tistax tithassar jew tinbidel, hlief bil-volonta' tal-kontraenti"*.

Illi fil-kawza fl-ismijiet **"Ruth Sultana proprio et nomine vs Eammanuel Sultana"** (P.A. (RCP) 26 ta' Frar 2004) din il-Qorti b'riferenza ghall-**artikolu 54** sostniet li *"dwar jekk l-istess dispozizzjoni tirreferhiex ghall-manteniment stabblit b'kuntratt jew b'sentenza, pero' hija l-opinjoni ta' din il-Qorti li la darba l-istess sub-artikolu huwa parti mill-**artikolu 54** li fl-ewwel subartikolu tieghu qed jitkellem dwar "l-parti li kontra taghha tinqata' l-firda…" dan qed jirreferi biss ghall meta l-istess manteniment jigi stabbilit b'ordni jew sentenza tal-Qorti u mhux fil-kaz ta' separazzjoni konsenswali. Fil-fatt fl-istess titolu tal-Kodici s-separazzjoni konsenswali hija biss trattata fl-**artikolu 59** et sequitur".*

Illi fil-fatt fl-ambitu biss ta' manteniment ordnat mill-Qorti s-sentenza **"Saviour Zahra vs Maria Antoinette Zahra pro et noe"** deciza mill-Onorabbli Qorti ta' l-Appell fit-13 ta' Lulju 2001, u dik ta' **"Edward Galea vs Josephine Galea pro et noe"** fuq imsemmija qalet illi:-

*"It-test allura hawn, iktar milli tibdel fic-cirkostanzi b'mod generali jirrikjedi studju komparattiv dwar kambjamenti fil-mezzi tal-konjugi obbligat li jhallas il-manteniment u l-bzonnijiet tal-konjugi li ghandu dritt jircevihom".*

Inghad ukoll f'din is-sentenza ta' **"Zahra vs Zahra"** (sup. ct.) illi:

*"dan l-obbligu ghall-manteniment m'huwiex marbut bl-ebda mod ma' l-impjieg jew ma' l-introjtu tal-missier izda huwa obbligu assolut" "Maria Bugeja pro et noe vs Spiridione sive Stephen Bugeja" (P.A. (F.D) Cit Nru 154/4).*

Illli *invece* fil-kuntest ta' manteniment pattwit, u dan wara d-debita awtorizzazzjoni tal-Qorti skond kif provdut fil-ligi taghna, l-Onorabbli Qorti ta' l-Appell fis-sentenza **"Vella vs Vella"** tal-11 ta' Jannar, 1996 irriteniet li:-

"*Huwa minnu li "ad impossibilia nemo tenetur". Dan pero' biss f'cirkostanzi l-aktar eccezzjonali u ben provati meta l-Qorti tkun ghal kollox konvinta li c-cirkostanzi godda mhux biss ikkagunaw l-"impossibilita'" fis-sens reali u estrem tal-kelma, imma wkoll li tali cirkostanzi kienu ghal kollox inevitabbli u ma gewx provokati b'xi agir tad-debitur. Semplici tibdil f'sitwazzjoni finanzjarja wahdu ma jaghtix id-dritt ghar-revizjoni tal-obbligu ghall-hlas ta' retta alimentari liberament assunt. Hu car li l-obbligazzjonijiet kontrattwali ghandhom jigu rispettati u osservati. Ghalkemm hu minnu li l-Ligi llum ma taghmel l-ebda distinzjoni bejn il-manteniment "ex lege", jigifieri dak determinat b'sentenza tal-Qorti, jew dak "ex contractu", in kwantu tezisti l-possibilita' ta' min hu obbligat li jhallas il-manteniment li "jitlob li jkun mehlus mill-obbligu jew ikun imnaqqas skond ma jkun il-kaz", jekk jigi fi stat li ma jkunx jista' jaghti aktar il-manteniment kollu jew bicca minnu, (art. 21 (1) ta' l-Att XXI ta' l-1993) jibqa' japplika dejjem il-principju illi Pacta Sunt Servanda. Dan ifisser li fil-kaz ta' manteniment stabbilit ex contractu, il-kriterji li ghandhom iwasslu lill-Qorti biex tvarja, u anke f'certi kazijiet tissospendi, l-obbligu ghall-manteniment, huma aktar rigidi u gravi minn dawk li tista' tapplika l-Qorti fil-kazijiet fejn hi stess stabbiliet ir-retta_alimentari minghajr il-kunsens tal-konjugi. Kien ghal din ir-_raguni u f'dan il-kontest li l-Qorti ta' l-Appell fil-kawza fl-ismijiet: **"Victoria Camilleri vs Mohammed Farag Abdul Kareem"**, deciza fit-2 ta' Novembru, 1994, htigielha taghmel ir-rikjam ghall-principju generali li wkoll jirregola l-interpretazzjoni tal-kuntratti li hadd ma jista' jigi tenut jaghmel l-impossibbli*".

Illi din il-Qorti taqbel ma' dan l-apprezzament hawn citat biss in linja generali, ghaliex l-applikazzjoni ta' l-**artikolu 21 tal-Kap 16** f'kuntest ta' ftehim ghal separazzjoni, hija fl-umili opinjoni ta' din il-Qorti, wahda dubjuza anke *in vista'* ta' dak li hemm provdut fl-istess imsemmi **artikolu 54 (1)** li jaghmel riferenza biss ghas-Sub-titolu 1 ta' dan it-Titolu u mhux ghas-Sub-Titolu II fejn appuntu hemm l-imsemmi **artikolu 21.** Pero' din tigi trattata f'kazijiet ohra u forsi f'fora ohra.

*Inoltre* fis-sentenza moghtija mill-Onorabbli Qorti ta' l-Appell fil-kawza fl-ismijiet **"Alfred Grech vs Pauline Grech pro et noe"** (A.C. (VDG) (JDC) (JAF) – 16 ta' April 2004 - App.Nru: 2479/1996/1 gie ritenut li:-

*"Huwa minnu li l-ligi civili taghna ma toqghodx tiddistingwi bejn manteniment impost jew ordnat mill-Qorti minn iehor pattwit bejn il-konjugi nfushom ghall-fini ta' varjazzjoni. Imma l-appellant messu jaf ukoll li fejn si tratta ta' ftehim per via ta' kuntratt ghandu wkoll jghodd fermament il-principju ta' <u>pacta sunt servanda.</u> Il-Qrati taghna, minkejja li fil-bidu jirrizulta li addottaw posizzjoni rigida, anzi wahda inflessibbli, meta gew rinfaccjati b'talbiet ghal revizjoni u/jew varjazzjoni ta' retti alimentari li jkunu gew miftehma bejn il-konjugi stess, mal-milja taz-zmien hassew in-necessita' li fl-interess ta' l-ordni pubbliku, li hu suprem u aqwa minn kull ligi jew ftehim bejn il-partijiet, kellhom jikkoncedu illi taht certi cirkostanzi li gew ikkwalifikati bhala <u>ta' natura gravi, eccezzjonali jew indipendenti mill-volonta' ta' l-attur li gabuh fl-impossibilita' li jhallas r-retta alimentari,</u> allura f'kazi simili jista' jkun hemm lok ghal varjazzjoni. Fil-fehma kunsidrata ta' din il-Qorti, din il-linja flessibbli fil-kazi propizji hija wahda ferm gusta mill-posizzjoni addottata qabel. Effettivament, din il-Qorti jidhrilha wkoll li hemm, u mhux ma hemmx, differenza bejn manteniment ordnat mill-Qorti "ope legis" minn iehor miftiehem volontarjament mill-konjugi stess. Fit-tieni kaz, wiehed ghandu jipprezumi li trattandosi hawn ta' ftehim ta' separazzjoni bonarja u mhux ko-atta jew forzata, li l-partijiet ftehmu <u>fl-ahjar interess taghhom it-tnejn.</u>"*

Illi relevanti wkoll ghall-kawza odjerna huma l-principji li jirregolaw l-interpretazzjoni ta' kuntratti. Illi fil-kawza **"Emanuel Avallone vs Centru Speranza fl-Inkapacitati"** (P.A. (RCP) 28 ta' Frar 2002 inghad:-

*"Illi kif inghad fis-sentenza* ***"Anton Spiteri vs Alfred Borg"*** *(P.A. RCP 30 ta' Novembru 2000) "ghalhekk hawn japplika l-principju stabbilit fl-****artikolu 1002 tal-Kap 16,*** *fejn meta l-kliem ta' konvenzjoni mehud fis-sens skond l-uzu tal-kuntratt, hu car, ma hemmx lok ta' nterpretazzjoni, ghaliex tali nterpretazzjoni, anke supplita minn xhieda, tista' tinghata biss sabiex telucida l-iskrittura jew il-kuntratt f'xi patt incidentali jew accessorju taghha" (****"Carmela Borg vs Bartolomeo Xuereb" –*** *A.C. 30 ta' Marzu 1997)."*

Illi l-kuntratti bejn il-partijiet ghandhom jigu esegwiti in *bona fede* u l-konsegwenza ta' kull ftehim ghalhekk hija li l-obbligazzjonijiet iridu jiftehmu li jaghmlu sens u l-kuntratti ghandhom ikunu nterpretati in *bona fede* (**"Carmelo Mifsud vs Joseph Spiteri et" –** P.A. (WG) 30 ta' April 1987); **"Chris Cachia & Associates Limited vs Damian u Roseanne konjugi Formosa"** (P.A. (RCP) – 1 ta' Ottubru 2002).

Illi dan kollu japplika ghall-kaz odjern, hlief il-fatt li f'materja ta' ligi tal-familja u dan anke fil-kuntest ta' dak li hemm provdut fil-**Kodici Civili** l-interess tal-minuri jibqa' suprem u ghalhekk *nonostante* kull ftehim li jista' jkun hemm bejn il-partijiet dwar il-minuri jista' jigi annullat mill-Qorti jekk *"hekk ikun mehtieg ghall-gid tal-minuri"* u dan skond id-dispozizzjonijiet ta' l-artikolu **61 tal-Kap.16.**

**(e) <u>Apprezzament tal-Provi.</u>**

Illi l-attur, Raymond Camilleri, qed jitlob il-varjazzjoni tal-kuntratt tas-separazzjoni fis-sens li jitnaqqas il-manteniment dovut lil martu u lil uliedu kif stipulat fl-istess kuntratt. Din il-Qorti tinnota li din il-kawza giet istitwita mill-attur fl-1 ta' Marzu 2002 wara li l-konvenuta, kienet hija li ghamlet kawza kontra tieghu, datata 25 ta' Jannar 2002 fejn talbet li l-istess attur ghandu jipprovdi

manteniment ghal binhom, Michael, li twieled wara li l-partijiet ghamlu l-kuntratt ta' separazzjoni bejniethom. Illi ghalhekk jidher li qabel din id-data l-istess attur ma kien ghamel xejn sabiex ivarja l-kuntratt ta' separazzjoni bejn il-partijiet minkejja l-fatt li huwa jghid li rrezenja mill-Korp tal-Pulizija mit-18 ta' Mejju 2001.

Illi fil-fatt l-ewwel raguni li fuqha qed jibbaza tali talba, hija li dakinhar tal-kuntratt huwa kien jahdem bhala kuntistabbli fil-Korp tal-Pulizija u kellu paga li seta' jhallas manteniment ta' mitejn lira Maltija (Lm 200) fix-xahar. Sussegwentement, huwa rrizenja mill-Korp, allegatament wara li martu ghamlet xi rapporti dwaru minhabba ncidenti serji li graw bejn il-partijiet fejn gie allegat li l-istess attur kellu arma fil-pussess tieghu u jidher li setghu saru xi nvestigazzjonijiet fil-konfront tieghu.  Huwa ma kellux l-impjieg tieghu terminat izda rrezenja minn jeddu.

Illi sadanittant huwa jallega li kien qed ibati minn dipressjoni u kien bil-problema ta' obesita'. Ftit wara li spicca mill-Korp, wara xhur shah ta' *sick leave* beda` jahdem f'hanut, Eaton Jewellers, li huwa ta' missieru u gestit minn huh.  Mill-kuntratt ta' mpjieg esebit (Dok. "C" a fol. 12 tal-process) jirrizulta li huwa allegatament beda` jaqla' inqas, u l-paga li kellu ta' *circa* tlett mija u tmienja u sittin lira Maltija (Lm 368) mal-Pulizija, issa saret ta' mitejn u hamsin lira Maltija (Lm 250) fix-xahar u f'idejh ikollu mitejn u zewg liri Maltin (Lm 202) fix-xahar.  Dan ghaliex il-*business* mhux sejjer tajjeb. Huwa xehed li jista' biss jaghtiha mitt lira Maltija (Lm 100) ghax huwa ghandu diversi spejjez kif ukoll djun ma' missieru u huh, kemm minhabba li missieru gieli hallas il-manteniment huwa kif ukoll fuq affarijiet ohra.  Huwa xehed li mhux facli ghalih isib xoghol iehor minhabba l-kundizzjoni ta' sahhtu u ddikjara li mhux qed ifittex xoghol iehor. Jirrizulta wkoll li b'effett minn Jannar 2003 huwa lanqas baqa' jahdem.

Illi Lorenza Camilleri, minn naha taghha, sostniet li mhux talli l-manteniment m'ghandux jonqos izda talli ghandu jizdied minhabba li wara l-kuntratt tas-separazzjoni tweldilhom tifel iehor, Michael.  Huwa ma ssemmiex fil-kuntratt peress li hija kienet ghadha tqila bih u ghalhekk

issa qed tippretendi li jigi stipulat ammont ghalih ukoll. Hija xehdet li kien hemm zmien fejn zewgha ma tahiex il-manteniment kif dovut u kellha tirrikorri ghall-ghajnuna socjali. Jirrizulta li hija ghadha sa llum, apparti c-*children's allowance,* tircievi xi ghajnuna socjali (mhux l-istess ammont ta' qabel imma anqas) (*vide* xhieda ta' Carmel Azzopardi, rapprezentant Direttur Sigurta' Socjali a fol. 64 tal-process **"Lorenza Camilleri vs Raymond Camilleri",** Cit. Nru: 81/02/RCP). Hija xehdet li waqghet lura fil-kera tal-proprjeta' li qed tghix fiha li hi proprjeta' ta' missier Raymond, (ghandha hamsin lira Maltija (Lm50) kera fix-xahar) u ghandha hafna kontijiet pendenti.

Illi rigward Michael, hija xehdet li kienet fittxet lil zewgha ghall-manteniment tieghu. Huwa qatt ma taha flus ghall-manteniment tat-tifel iz-zghir, hlief ghal zewg okkazzjonijiet wara li beda` jahdem. Infatti minn Dok. "A" u "B" (fol. 76 u 77 tal-process Cit. Nru 81/02/RCP) jirrizulta li f'Lulju 2001 taha hames liri Maltin (Lm 5) u f'Awissu 2001 taha mija u hamsa u disghin lira Maltija (Lm 195) bhala arretrati u jirreferu ghaz-zmien li kien jahdem bhala Pulizija.

Illi dwar dan il-punt, l-attur isostni li ghalkemm it-tielet wild mhux imsemmi fil-kuntratt, u dan fuq parir legali ghax ma kienx ghadu twieled, pero' l-ftehim ghall-manteniment tat-tfal kien jinkludih ukoll. *Inoltre* zied li l-klawsola fil-kuntratt li tghid: *"Meta t-tfal jaghlqu l-eta' ta' sittax il-sens, il-manteniment pagabbli a favur tal-mara ta' tletin lira Maltin (Lm 30) fix-xahar ghandu jawmenta ghas-somma ta' mitt lira Maltin (Lm 100) fix-xahar"* giet mizjuda fuq talba ta' martu fl-ahhar hin qabel ma dahlu biex jiffirmaw il-kuntratt. Huwa ma setax jaqra l-kuntratt sew ghax in-nuccali allegatament kissritilu martu. Meta nduna li kien hemm kambjament u li t-tarbija li kienet se titwieled ma ssemmietx qalulu li allura li kellhom jieqfu hemm u jistennew sakemm titwieled it-tarbija. Huwa xtaq jehles u ghalhekk iffirma. Raymond Camilleri sostna li huwa kien taht pressjoni biex jiffirma l-kuntratt. Fl-ahharnett, qal li l-flus ghal Michael tahomlha ghax hija qaltlu li inkella ma setax jara lil ibnu. Illi martu pero' sostniet li huwa ried jehles jiffirma ghaliex kellu terza persuna f'hajtu dak iz-

zmien. In kontro-ezami, meta mistoqsi dwar dan, qal li kien sab ma’ min jiftah qalbu u li din kienet *a shoulder to cry on.* Prezentement l-allegazzjoni hi li huwa qed jghix ma’ terza persuna.

Illi fl-ewwel lok jinghad li l-allegazzjonijiet ta’ l-attur dwar il-klawsoli tal-kuntratt ta’ separazzjoni u diversi allegazzjonijiet li saru minnu fil-konfront tal-Prokuratur Legali, Sharon Mizzi, l-maggjor parti minnhom inkluzi fl-affidavit ta’ l-istess attur, huma totalment irrilevanti ghall-kaz odjern. Fil-fatt din ma hijiex kawza fejn l-istess attur qed jattaka l-validita’ tal-kuntratt ta’ separazzjoni u fil-fatt ma rrizultax li l-attur, Raymond Camilleri, ha xi passi legali sabiex jattakka l-validita’ ta’ l-istess kuntratt la f’din il-kawza u lanqas f’kawzi ohra.

Illi fil-fatt il-kawza stess ta’ l-attur hija bbazata fuq il-validita’ ta’ l-istess kuntratt ta’ separazzjoni tant li qed jitlob varjazzjoni ta’ l-istess u b’hekk bil-kawza odjerna stess huwa qed jirrikonoxxi u jaccetta li l-istess kuntratt medesimu ghadu vigenti.

Illi rigward il-kwistjoni tal-varjazzjoni tal-kuntratt innifsu ghal dak li jirrigwarda manteniment, din il-Qorti taghmel referenza ghall-principji legali fuq enuncjati. Illi minhabba li si tratta ta’ ftehim, permezz ta’ kuntratt, ghandu jghodd il-principju ta’ *pacta sunt servanda.* Illi wiehed ghandu jippresumi li ladarba kien hemm ftehim bonarju, l-partijiet ftehmu fl-ahjar interess taghhom u wara li hadu in konsiderazzjoni c-cirkostanzi kollha taghhom.

Illi mill-provi prodotti ma hemm l-ebda dubju li l-konvenut irrezenja mix-xoghol li kellu mal-korp tal-Pulizija volontarjament, u ma hemm ebda prova kwalunkwe li l-istess attur kien sforzat li jirrezenja minn xi ufficjali ta’ l-istess korp. Jidher li kien hemm inkwiet bejnu u bejn martu u ssemma fil-kawza li l-istess attur kellu f’okkazjoni minnu arma fuqu li ttiehdet mill-Pulizija (*vide* xhieda ta’ l-Ispettur Azzopardi fejn qal li kienu sabulu *air pistol* fil-bagoll li tispara *pellets)*, pero’ x’gara dwar dan l-allegat incident ma johrogx car f’din il-kawza. Li hemm car hija biss li kienet decizjoni ta’ l-attur li jirrezenja mill-korp tal-

Pulizija, u kienet ukoll decizjoni tieghu li ma jergax japplika sabiex jidhol fl-istess korp. Dan kollu jfisser, ghalkemm dan jista' jkun relevanti ghal din il-kawza, li kien l-attur innifsu, li kkawza bdil fl-introjtu tieghu u dan bid-decizjoni li huwa ha li jirrezenja mill-korp tal-Pulizija u dan fi zmien meta kien konxju ta' l-obbligazzjonijiet minnu assunti f'kuntratt ta' separazzjoni f'dak li huwa manteniment ghal martu u zewg uliedu.  Fil-fatt ir-rezenja saret fit-18 ta' Mejju 2001 u fl-istess certifikat jinghad li qeda` dmiru fil-Korp b'mod sodisfacenti u ghalhekk certament ma jistax jinghad minn dan id-dokument ufficjali, datat 24 ta' Mejju 2001 li d-decizjoni ta' l-istess attur kienet b'xi mod sforzata fuqu mill-istess Korp – u hawn ssir riferenza ghac-certifikat ta' terminazzjoni ta' mpjieg minn mal-Korp tal-Pulizija ffirmat mill-Kummissarju tal-Pulizija ta' dak iz-zmien George A. Grech li jinsab esebit fil-process l-iehor a fol. 69 tal-process bhala Dok. "KH".

Illi dwar l-allegazzjoni li l-istess attur kien qed isofri minn problemi ta' dipressjoni ma hemm l-ebda dubju li f'kull process ta' separazzjoni bejn il-partijiet iwassal ghal *stress* mentali kbir fuq il-konjugi, u f'dan il-kaz jidher li dan gara kemm fil-kuntest ta' l-attur u kemm fil-kuntest tal-konvenuta, u minn dak li rat din il-Qorti f'kawza ohra bejn l-istess partijiet illum decizi, anke fil-kuntest tal-minuri, li dwarhom kien hemm problemi serji, kif jidher ukoll mill-atti ta' din il-kawza bin-noti pprezentati mis-*social workers* li hadmu ma' l-istess minuri, u kif sfortunatament din il-Qorti kellha tara f'kawza ohra bejn il-partijiet, din id-darba fuq il-kura u l-kustodja ta' l-istess minuri u l-access ghalihom mill-istess attur.

Illi jirrizulta li l-istess attur sofra minn problemi ta' dipressjoni, izda jidher li l-istess konvenuta sofriet effetti simili kawza ta' l-istess proceduri ta' separazzjoni u l-mod li l-partijiet waslu ghall-istess kuntratt ta' separazzjoni, milhuq bl-awtorizzazzjoni tas-Sekond'Awla tal-Qorti Civili, fejn jidher car li minkejja l-istess ftehim, il-partijiet baqghu jimxu ma' xulxin b'certa pika, tant li kkonvolgew mhux biss lilhom infushom fil-kwistjoni, izda dak li huwa iktar serju lill-istess ulied, u dan mhux biss dwar kura u kustodja li

gew trattati f'kawzi ohra, izda wkoll fi kwistjonijiet ta' manteniment ta' l-istess ulied, bhal ma hija din il-kawza.

Illi hawn ta' min wiehed jinnota u jfakkar li fl-affidavit ta' l-attur jidher car li huwa jmur lil hinn minn natura tal-kawza odjerna, u fil-fatt jittenta jattaka l-validita' ta' l-istess kuntratt li huwa stess iffirma, fejn donnu qed jghid li ma kienx jaqbel mal-kontenut ta' l-istess u ma jiftakarx li l-istess kuntratt kien spjegat lilu mill-Prokuratur Legali, Sharon Mizzi li kienet qed tidher ghaz-zewg partijiet fil-kuntratt (haga li din il-Qorti certament ma tapprovax), u wkoll jghid li ma jiftakarx ezatt gara fis-seduta quddiem l-Onorabbli Imhallef li kien qed jippresjedi s-Sekond'Awla tal-Qorti Civili. Dan kollu juri li l-istess attur m'huwiex car x'linja ser jiehu f'din il-kawza, li zgur li ma ghandha x'taqsam xejn ma dan kollu, hlief li turi lil din il-Qorti bl-iktar mod car, li l-istess attur assolutament u b'kull mod irid jipprova jehles mill-obbligu tieghu ta' manteniment li huwa stess assuma fil-kuntest tal-konvenuta u ta' l-istess uliedu, u ma jimportahx b'liema mod dan jasal ghalih, tant li jidher li qed jattaka kemm lill-konsulent legali tieghu stess u kemm lill-istess Qorti.

Illi apparti l-fatt li l-allegazzjonijiet tieghu kif minnu prezentati huma kollha *fuori luogo,* ghaliex ma ghandhom xejn x'jaqsmu mal-kawza odjerna, jirrizulta bl-iktar mod assolut f'dawn il-proceduri odjerni, li l-allegazzjonijiet minnu vantati fil-kuntest tal-validita' ta' l-istess kuntratt ta' separazzjoni konsenswali, li sar wara d-debita awtorizzazzjoni tal-Qorti kompetenti, huma ghal kollox frivoli u vassatorji, u certament li fil-kuntest ta' l-azzjoni tieghu minnu stess mehuda, li din il-Qorti qed tikkonsidra prezentement, jidher li huma wkoll kontradittorji ghall-istess procedura, li tipprezumi u ssostni l-validita' stess ta' l-istess kuntratt, tant li huwa qed jitlob b'din il-kawza mhux ix-xoljiment ta' l-istess kuntratt, izda l-varjazzjoni ta' l-istess minhabba l-bdil ta' cirkostanzi allegati minnu.

Illi certament li dan l-agir *da parte* ta' l-attur innifsu, fis-sottomissjonijiet tieghu u x-xhieda minnu moghtija volontarjament permezz ta' l-affidavit tieghu xxejjen mhux ftit il-kredibilita' ta' l-istess attur fl-azzjoni minnu proposta,

u fl-opinjoni ta' din il-Qorti hija pregudikanti ghall-allegazzjonijiet tieghu, vantati f'din il-kawza li certament isofru daqqa serja f'dik li hija kredibilita' ta' l-istess attur.

Illi fid-dawl ta' dan kollu jirrizulta li l-allegazzjonijiet ta' l-attur ma gewx ippruvati u dan fis-sens li jirrizulta li l-kambjament li sar dwar l-introjtu ta' l-attur mill-impjieg tieghu, kien dovut primarjament ghall-agir volontarju ta' l-istess attur, li ghazel li jirrezenja mix-xoghol li huwa kellu meta kien konxju ta' l-obbligazzjonijiet tieghu *verso* l-konvenuti, u jidher li din id-decizjoni huwa hadha minghajr ma hares lejn l-obbligi tieghu lejn il-familja tieghu, mhux biss lejn martu izda wkoll lejn uliedu, kemm dawk inkluzi fil-kuntratt ta' separazjoni, u kemm l-wild li sehh wara l-istess kuntratt, li jifforma l-mertu tal-kawza l-ohra.

Illi din il-Qorti taghmilha cara, li hija qed tosserva biss il-kondizzjonijiet tal-kuntratt ta' separazzjoni ta' bejn il-partijiet u qed issostni li l-manteniment hemm pattwit ghandu jibqa' *in vigore stante* li l-impjieg li kellu l-attur f'dak iz-zmien tal-kuntratt m'ghadux jezisti minhabba d-decizjoni ta' l-istess attur li jirrezenja mill-istess impjieg, u kien ghalhekk l-agir ta' l-istess attur li naqqas l-introjtu tieghu mill-istess impjieg, u dan f'mument li huwa kien ben konxju ta' l-obbligazzjonijiet li huwa stess assuma fil-konfront tal-familja tieghu.  Kien ghalhekk l-agir tieghu stess li gab lok ghal din is-sitwazzjoni, u certament li l-istess attur ma ghandux jipprova jiehu vantagg minnha.

Illi din il-Qorti tinnota wkoll li dan ma kienx l-unika kambjament fic-cirkostanzi li sehh minn dak iz-zmien, u dan peress li jidher li l-ispejjez ghall-istess konvenuta u uliedha gholew, kemm minhabba l-gholi tal-hajja, kif ukoll minhabba l-fatt li t-tfal qed jikbru u allura ghandhom bzonn iktar finanzjament, u dan apparti l-problemi kbar li l-istess familja qed tiffacja, anke minhabba d-diffikoltajiet li s-separazzjoni stess dejjem iggib fuq l-istess konjugi. Jidher ukoll, u dwar dan l-istess attur ma qal xejn, li huwa qed jirresjedi ma' persuna ohra fil-proprjeta' tieghu fejn jghix CV Court, Flat 6, Triq il-Qarnit, Qawra; certament li l-istess proprjeta' immobbli ghandha valur ghall-istess attur. Dwar l-allegati dejn tieghu ma hemm l-ebda prova

konkreta, u dwar dan jinghad li huwa car mix-xhieda kollha prodotta li l-istess attur jiddependi hafna mill-ghajnuna li qed jigi moghti minn missieru, li sa certu punt jidher li qed jidderigi lill-attur f'xi azzjonijiet tieghu, ghalkemm ma hemm l-ebda dubju li qed jghinu wkoll.

Illi pero' jekk il-Qorti thares lejn l-attur u l-mod kif ressaq ix-xhieda tieghu f'din il-kawza, din il-Qorti thoss bla ebda dubju li qed titkellem ma' ragel u mhux ma' minorenni, u certament li l-azzjonijiet u r-responsabbilta' ta' hajtu ghandu jehodhom u jerfaghhom huwa u mhux necessarjament jiddependi fuq haddiehor. Din il-Qorti m'ghandha l-ebda dubju li dan l-attur kapaci jaghmlu, kif jidher li ghamel fil-kawza l-ohra bejn il-partijiet rigwardanti l-istess minuri uliedu, u din il-Qorti ghalhekk thoss li fl-isfond ta' dan kollu, ma tistax tilqa' t-tieni u t-tielet talba attrici, proprju ghaliex legalment mhux gustifikati, u fattwalment ma giex ippruvat li hemm ragunijiet sabiex il-kuntratt ta' separazzjoni dwar manteniment ghall-minuri u tal-konvenuta ndikati f'din il-kawza m'ghandux jibqa' *in vigore* anke in virtu tal-principju *pacta sunt servanda.*

Illi certament li din il-Qorti thoss li c-cirkostanzi ta' Raymond Camilleri mhux talment *"ta' natura gravi, eccezzjonali jew indipendenti mill-volonta' ta' l-attur li gabuh fl-impossibilita' li jhallas r-retta alimentari."* Anzi jirrizulta proprju l-kuntrarju.

Illi jinghad ukoll illi ghal dak li jirrigwarda l-arretrati ta' manteniment skond l-istess kuntratt ta' separazjoni bejn il-partijiet, konjugi, Camilleri, dawn huma wkoll dovuti. Dan ghaliex kif diga' inghad, Raymond Camilleri ikkontribwixxa b'mod assolut ghat-telfien ta' l-impjieg tieghu. Huwa minnu li kif irrizulta mix-xhieda tar-rapprezentant tad-Direttur tas-Sigurta' Socjali, li martu kienet qed tippercepixxi l-ghajnuna socjali izda dan kien proprju minhabba n-nuqqas ta' l-attur li jonera l-obbligi tieghu *verso* l-konvenuti odjerni, u zgur li dan in-nuqqas tieghu ma jezonerahx mill-obbligu assunt fil-kuntratt tas-separazzjoni. Kif spjegat fix-xhieda tar-rapprezentant tad-dipartiment koncernat ikun imbaghad l-obbligu ta' Lorenza Camilleri li tinforma lid-dipartiment li tkun thallset l-arretrati

biex b'hekk jigi kkalkolat l-ammont li hija tkun trid trodd lura.

Illi ghall-kompletezza, jinghad li meta jsir kalkolu ta' l-ammont dovut jirrizulta illi Raymond Camilleri ghamel sena shiha cjoe`, bejn Lulju 2000 u Gunju 2001 ma jghaddilha manteniment. Kwindi l-ammont dovut f'dak il-perjodu kien ta' elfejn u erba' mitt lira Maltin (Lm 2,400) (Lm 200 x 12 = Lm 2,400). Ma' dan irid jizdied l-ammont ta' elf lira Maltin ohra peress li bejn Lulju 2001 sa April 2002 beda` jaghtiha Lm100 minflok Lm200 (Lm 100 x 10 = Lm 1,000). Ghalhekk b'kollox Raymond Camilleri ghandu jaghti lil martu s-somma ta' tlett elef u erba' mitt lira Maltin (Lm3,400) bhala arretrati ghall-perjodi hawn indikati u dan apparti dawk ulterjuri ghall-istess perjodi hawn indikati.

Illi dwar l-eccezzjoni ta' Lorenza Camilleri, li l-manteniment ghandu joghla minhabba li twieldet it-tielet tarbija, Michael, wara l-kuntratt ta' separazzjoni u li ma ssemmiex jinghad li l-istess pprezentat citazzjoni fl-istess sens li se tigi deciza llum ukoll u allura ssir riferenza ghall-istess decizjoni.

Illi jinghad biss li mill-kuntratt ta' separazjoni bejn il-konjugi, Camilleri, jirrizulta b'mod car illi l-manteniment ta' mija u ghoxrin lira Maltija (Lm 120) fix-xahar ghat-tfal huwa a favur taz-zewg ulied hemm indikati u li kienu gja twieldu dakinhar. Raymond Camilleri jsostni li ghalkemm Michael mhux imsemmi, pero` dan l-ammont ta' manteniment jikkomprendi t-tlett itfal. F'din is-sitwazzjoni ghandu japplika l-principju *contra scriptum non est argumentum* u dan sakemm ma jingabux provi tant konvincenti li jbiddlu l-interpretazzjoni tal-klawsola tal-kuntratt. Raymond Camilleri ma rnexxielux jaghmel dan.

## III. KONKLUZJONI.

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** billi filwaqt li tilqa' t-tielet eccezzjoni tal-

konvenuta, **tichad** it-talbiet attrici *stante* li huma nfondati fil-fatt u fid-dritt ghar-ragunijiet kollha fuq indikati.

Bl-ispejjez ta' din il-kawza kontra l-istess attur.

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------